# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2004

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

Isem: ___________________________ Klassi: ________________

## Taqsima A **30 marka**

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.**

1. Semmi żewġ raġunijiet għaliex ir-reliġjon hija importanti għal min jemmen.

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2 marki)

2. Għid għaliex in-Nisrani m'għandux jemmen fis-superstizzjoni.

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2 marki)

3. Għaliex inkunu qegħdin nonqsu meta nabbandunaw ir-raġuni u naqgħu fil-fanatiżmu?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2 marki)

4. X'jisimha l-familja reliġjuża li waqqaf Charles de Foucauld?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2 marki)

5. Alla tana r-rigal tal-fidi. Ikteb fil-qosor x'għandha tkun it-tweġiba tagħna.

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2 marki)

6. X'kellu jkun ix-xogħol ta' San Pietru fil-Knisja li waqqaf Ġesù?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2 marki)

7. Lil min jingħata s-Sagrament ta' l-Ordni Sagri? Għid għaliex.

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2 marki)

8. X'nifhmu meta ngħidu li l-Knisja hija Appostolika?

   ________________________________________________________________

   ________________________________________________________________ (2 marki)

9. X'inhu l-moviment ekumeniku?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

10. Semmi żewġ tixbihat li Ġesù uża biex bihom juri kif kellha tkun il-Knisja tiegħu.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

11. Ma' min nagħmlu paċi fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

12. Kif għandna nippreparaw ruħna għas-Sagrament tal-Qrar?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

13. Għaliex il-Quddiesa tissejjaħ ukoll 'Ewkaristija'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

14. Aħna bħala Nsara kif għandna niċċelebraw 'Jum il-Ħadd'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

15. Ikteb xi jfissru dawn iż-żewġ simboli li nsibu fil-ktieb tal-Ġenesi:
   i. is-siġra tal-ħajja ____________________________________________
   ii. is-serp ______________________________________________________

(2 marki)

## Taqsima B **16-il marka**

**Aqra dawn is-sentenzi mill-Bibbja u fissirhom.**

1. "Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna." (Ġen 1, 26) (4 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. "Ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien." (Mt 28, 20) (4 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. “Dan huwa demmi, id-demm tal-Patt li jixxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet.” (Mt 26, 28) (4 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

4. “Jiena mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ imma lill-midinbin għall-indiema.” (Lq 5,32) (4 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## Taqsima Ċ **24 marka**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

L-Insara jqisu l-Bibbja bħala l-Kelma t’Alla. Aħna nemmnu li l-Bibbja hija ispirata minn Alla. Għalkemm fiha ħafna kotba, nistgħu nqisuha bħala ktieb wieħed. Nemmnu wkoll li l-Bibbja ma fihiex żbalji. Meta naqraw il-Bibbja għandna nfittxu l-messaġġ reliġjuż. Hija l-Knisja li tispjegalna dan il-messaġġ.

a. Kemm fiha kotba l-Bibbja? ______________________ (2 marki)

b. X’jissejħu ż-żewġ taqsimiet il-kbar tal-Bibbja u semmi ktieb wieħed minn kull taqsima.

______________________________________________

______________________________________________ (4 marki)

ċ. Agħti żewġ raġunijiet għaliex il-Bibbja nsejħulha l-Kelma t’Alla?

______________________________________________

______________________________________________ (4 marki)

d. X’tifhem meta ngħidu li l-Bibbja hija “ispirata minn Alla”?

______________________________________________

______________________________________________ (4 marki)

e. X’nifhmu meta ngħidu li l-Bibbja ma fihiex żbalji?

______________________________________________

______________________________________________ (4 marki)

f. Biex nifhmu sewwa x’irid igħidilna Alla fil-Bibbja rridu nsegwu ċerti regoli. Semmi u fisser tnejn minnhom.

______________________________________________

______________________________________________ (6 marki)

Taqsima D **30 marka**

**Agħżel WAĦDA mill-mistoqsijiet 1 jew 2 u wieġeb fit-tul fuq karta separata.**

1. ***"Miblugħin u mistagħġbin bdew jgħidu: 'Dan min Hu' "?*** **(Lq 4, 22)**

   a. Ikteb erba' ġrajjiet fejn Ġesù wera li Hu:
      i. ħanin (fejqan lill-morda, lil min mietlu xi ħadd).
      ii. ġeneruż (tħassar lil min ma kellux x'jiekol, it-tieġ ta' Kana).
      iii. ta' karattru sod (kellu kuraġġ iċanfar u jgħid il-verità, meta kien jaf li ser ipatti għal dak li jgħid).
      iv. ikellem lil kulħadd (Samaritani, pubblikani, tfal, midinbin).

   b. X'għażliet trid tagħmel f'ħajtek biex timxi wara Ġesù?
      *(Ikteb mhux inqas minn 10 linji)*

2. ***"Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-Poplu tiegħi fl-Eġittu".*** **(Eż. 3, 7)**

   a. Ikteb il-ġrajja kif Alla sejjaħ lil Mosè fuq il-muntanja Ħoreb u bagħtu jeħles lill-Poplu Lhudi mill-jasar fl-Eġittu.
      *(Dawn il-kliem jistgħu jgħinuk: ħuġġieġa nar, għollieq, qorq, Fargħun, Jien li Jien)*

   b. Uri kif Alla għen lill-Poplu Lhudi fil-ħarba tiegħu mill-Eġittu u fid-deżert. Ikteb fuq tliet ġrajjiet.
      *(Dawn il-kliem jistgħu jgħinuk: Baħar tal-Qasab, manna, summien, sħaba u kolonna tan-nar).*

   ċ. Alla ried lill-Poplu Lhudi jkun fidil lejh. Minna jistenna l-istess. Kif jistgħu żgħażagħ ta' l-età tiegħek ikunu fidili lejn Alla u xi jridu jagħmlu fil-prattika?
      *(Ikteb fuq tliet punti)*